Qorti tal-Appell Kriminali
Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 406/2017

Il-Pulizija

Vs

Joseph Vella

Illum, 25 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru 451969M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-29 ta' Ottubru, 2016 ghall-habta ta' bejn in-12:30hrs u s-14:15hrs gewwe Triq il-Knisja, Had Dingli, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBV993;

1. Meta kien involut f'incident tat-traffiku naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jghati l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjani Lokali.
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed jghamel uzu mill-vettura JBV 993 b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Ritienne D'Anastasi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u L.S. 65.11 MVR67 sabet lill-imputat hati u kkundannatu mitt ewro multa (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Vella minnu pprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi dan huwa appell fuq il-mertu. L-appellant huwa konsapevoli tal-fatt illi l-gurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti u tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Thorne</u>** tad-9 ta' Lulju, 2003, jigi ritenut illi: *"mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunjcjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*

Illi l-appellant jikkontendi illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma kienux bizzejjed biex iwasslu lill-Ewwel Qorti biex legalment u ragonevolment issib htija fl-appellant;
Illi l-appellant jissottometti illi jezistu ragunijiet gravi li jaghtu lok biex din l-Onorabbli Qorti tirrevedi l-apprezzament tal-Ewwel Qorti;

Illi l-fatti li wasslu ghal dan il-kaz m'humiex kontestati ghajr ghall-fatt jekk l-appellant laqatx il-vettura tal-parte civile jew le;

Illi l-prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq filmat tas-CCTV illi juri vann tal-gbir tal-iskart ghaddej minn triq;

Illi dan il-filmat la juri data u lanqas hin, almentu minn dak li setgha jidher fl-awla;

Illi inoltre, l-prosekuzzjoni tistrieh ukoll fuq ix-xhieda tar-ragel tal-parte civile, certu Christian Farrugia, li jghid li huwa mechanic u skont hu, tlett ijiem wara l-kaz, identifika xi zebgha li qed jghid li kienet kompatibbli maz-zebgha tal-karozza tal-mara tieghu fuq it-trakk in kwistjoni u jghid sahansitra illi skont il-kejl li ghamel, id-daqqa fuq il-karozza tal-mara tieghu kienet l-istess gholi tal-post fejn kien hem xi brix fuq it-trakk.

Illi l-appellant jissottometti illi ghal-finijiet u l-effetti tal-Ligi, Christian Farruiga rrenda ruhu espert ex parte tal-parte civile u dan peress illi ddikjara l-kompetenza tieghu f'dan is-settur peress illi huwa mechanic;

Illi f'dan il-kuntest, l-Ewwel Qorti kellha tiskarta ghall-kollox l-opinjonijiet moghtija minn dan ix-xhud u dana stante illi din il-persuna ma tikkwalifikax bhala Perit appuntat mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 650 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi rigward il-periti mhux inkarigati mill-Qorti u cioe' ex perte, l-gurisprudenza taghna ghandha diversi sentenzi fejn il-Qrati taghna esprimew ruhhom illi l-Qorti, da sua sponte ghandha tiskarta kwalunkwe opinjoni moghtija minn Perit inkarigat minn xi parti f'kawza kriminali;
Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **P. vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti testwalment tghid kif gej:

*"fatt, ir-rapport taghhom f'dak is-sens huwa ammissibbli bhala prova valida. Huma l-opinjonijiet u konkluzjonijiet komparattivi taghhom li ma ghandhomx valur probatorju. Issa, galadarba l-posizzjoni hija li rapport ta' esperti simili, li jikkontjenu opinjonijijet u rizultanzi ta' xi ezamijiet minnhom maghmula, gew iddikjarati nulli u bla effett probatorju, taghmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hem oggezzjoni ghall dawn l-esperti mid-difiza, tiddeciedi billi tiskara ghal kollox tali opinjonijiet u rapport. Bhala prova nulla u mhux ammissibbli kull Qorti ghandha jedd ex officio li twarrab dik il-prova, kif ukoll kull document u xhieda relattivi ghal dik il-prova nulla. U dan bir-ragun, ghaliex altrimenti jista jigri li procediment jintela' b' tip ta' provi, li kjarament huma inammissibbli, u l-Qorti ma tkunx tista' tiskarhom jekk ma jkunx hem oggezzjoni ghalihom minn xi parti. Jekk tigi accettata tali sitwazzjoi, cioe' fejn il-Qorti ma tkunx tista' minn jedda, tiskarta prova kjarament inamissibbli u nulla, jekk qabel ma jkunx hem oggezzjoni ghaliha min-naha ta' xi parti, din tkun tista' taghti lok ghall-abbuz ghaliex tista' tinqala' sitwazzjoni fejn tali prova tkun favor ix parti fil-procediment u ghalhekk ma jkunx jaqblilha li togezzjona ghall-dik il-prova. Certament tali sitwazzjoni tkun kontra r-retta aministrazjoni tal-gustizzja u kull principju fondamnetali ta' fair trial. Il-Qorti qeghda hem biex hi ukoll tirregola l-provi li jingiebu u li fuqhom trid tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, u xejn ma jzommha li tiddeciedi li tiskarta kull prvoa li hi tara li hi manifestament nulla u mhux ammissibbli. Fi ftit kliem, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm assolutament xejn hazin li l-Qorti, meta tigi sabiex tiddelibera u taghti s-sentenza taghha…"*

Illi dan l-insenjament gie konfermat anki minn diversi sentenzi fil-Qrati taghna fosthom **Pulizija vs Allen Debono u Pulizija vs Alessandro Debono** decizi mill-Magistrat Audrey Demicoli fil-ewwel istanza u konfermati fl-appell mill-Onor. Imhallef Edwina Grima.

Illi dan ifisser illi kwalunkwe opinjoni espressa mix-xhud Christian Farrugia ma tistax tintuza bhala prova.

Illi imbghad jibqa' l-kwistjoni dwar is-CCTV li skont l-Ewwel Qoprti ma jurix li l-vettura fil-fatt intlaqtet;

Illi dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti huwa biss kongettura u certament m'ghandu l-ebda bazi probatorja ghax il-provi m jghidux hekk;

Illi inoltre wiehed ma jistax ma jsemmix il-principju regolatur tal-aqwa prova fis-sens illi dan il-filmat, la jindika data u hin u wisq anqas ingabet il-prova ta' dan mill-persuna li elevah;

Illi mghadud ma' dan wiehed ma jistax ma jsemmix li l-prosekuzzjoni ma gabitx xhud okulari tal-incident u l-fatt illi l-appellant sa mill-bidu net tal-proceduri cahad li laqat l-imsemmija vettura;

Illi ghaldaqstant tenut kont ta' dan kollu, l-appellant jemmen li jezistu ragunijiet gravi li jimmeritaw revizjoni minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **WPS 145 Graziella Zammit** esebit l-atti. Minn esami ta' dan l-affidavit jirrizulta li nhar id-29 ta' Novembru, 2016 waqt li kienet xoghol l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ritienne D'Anatasi irraportat li dakinhar stes ghal habta tad-29 ta' Ottubru, 2016 ghall-habta ta' 12.30, ipparkjat il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoi RIT 092 ta l-ghamla Toyota gewwa Triq il-Knisja, Had Dingli u meta ghall-habta ta 2.15 p.m ta' l-istess jum marret lura fejn il-vettura taghha u nnutat li xi hadd kien laqatha, bil-konsegwenza li garbet hsarat fil-bumoer ta quddiem, rim ta' quddiem naha tax-xellug, fanal tan-naha tax-xellug u fil-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug.

Il-kwerelanti setghet tinnota li kien hemm CTV camera fil-vicinanzi fejn min naha taghhom hi gabret il-filmat u seta' jigi innutat li bejn i-hinijiet imsemmija iktar il fuq ghadda truck li jigbor l-iskart u beda jghamel manuvri li s -soltu ma jghamilx, kif ukoll waqaf ezatt mal-vettura taghha. In numru ta' registrazzjoni ta l-imsemmi truck huwa JBV 993 tal-ghamla Dennis.

Minn stharrig li ghamel PC 57 Matthew Buhagiar irrizulta li l-imsemmi truck kien qieghed jigi misjuq minn Joseph Vella. Ghalhekk hija talbet lil dan Vella sabiex imur l-ghassa fejn min naha tieghu ikkonferma li kien ghadda minn hemm bhal ma jghamel kuljum, gabar l-iskart u baqa' sejjer bix-xoghol. Huwa stqarr ukoll li ghadda minn Triq il-Knisja, Had Dingli ghall-habta ta bejn 12.30 u 13.00 u cahad l-allegazzjoni li laqat l-imsemmija vettura.

Nhar it-3 ta Novembru, 2016 ghall-habta tal-11.30 Joseph Vella tella t-truck gewwa Triq il-Knisja, Had Dingli bil-buona volonta' tieghu fejn minn hemm Christian Farrugia li hu imnizzel bhala xhud fir-rapport, kejjel il-hsarat li hemm mal-vettura tal-ghamla Toyota mat-track tal-ghamla Dennis. Chritian Farrugia seta jinnota li ma l-iskorfina tar rim tat track kien hemm tracci tal-aluminium tar-rim tal-vettura RIT 092 kif ukoll mal-genb tat-truck hemm sitwata hadida bhala lqugh li maghha kien hemm xi grif (zebgha bajda) li jikkonformaw mal-brix tal vettura ikkoncernata.

Il-kwerelanti hadu diversi ritratti bhal aevidencza tal-akkadut.

**PC 57 Matthew Buhagiar** xehed ukoll bil-procedura tal affidavit li jinab esebit fl-atti u kkonferma dak kollu li stqarret WPS 145 Graziella Zammit.

Rat l-okkroenza esebita fl-atti u minn esami tal-istess jirrizutla li dak kollu li stqaarret WPS 145 fl-affidavit taghha jisnab miktub f'din l-okkorenza.

Rat il-USB stick esebit fl-atti nhar l-24 ta Frar 2017 (fol. 10) mmarkat bhala RA1 li huwa l-filmat mehud permezz a CCTV li kien hemm installat fi prorpjeta' privata u minn esami tal-istess, verament jidher it-trukk ghaddej minn triq u jghamel certu manuvri. Tidher

ukoll il-vettura tal-kwerelanti fil-vicin hafna. L-incident per se' u cioe' l-impatt ma giex recorded fuq dan il-filmat.

**Chritian Farrugia** xehed viva voce il-Qorti nhar l-10 ta Ottubru, 2017 u stqarr li huwa kien ra l-vettura tal-mara tieghu bid-daqqa u minnufih mar jara jekk kien hemm xi filmat fit-triq fejn martu kienet halliet il-vettura taghha ipparkjata. Raw il-filmat u ccekkjaw minn kien ghadda minn dik it-triq. Stqarr li karozzi ma kienux ghaddew izda kien ghadda t-truck taz-zibel. Huwa mar l-ghassa flimkien mal-mara biex jghamel ir-rapport. Jaf li l-pulizija gabu t-truck taz-zibel l-ghassa ukoll u dan xi jumejn jew tlieta wara l-akkadut.

Huwa esebixxa numru ta' ritratti dwar id-daqqiet li kien hemm fuq il-vettura tal-mara kif ukoll fuq it-truck. Qal li r-ritratti kien hadhom hu waqt li kienu quddiem l-ghassa. Qal li huwa talab li t-truck jitpogga ma genb il-karozza biex jaraw li d-daqqiet jaqblu u hekk gara. Fuq l-iskorfina tat-truck hemm il-kulur abjad tal-vettura, huwa ghamel crieki madwar dawn it-tbajja.

**Ritienne D'Anastasi** xehdet u kkonfermat li ghandha karozza tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta registrazzzjoni RIT 092. Stqarret li l-vettura hi registrata fuq ommha pero' hija issuqha. Stqarret li fid-29 ta Ottubru, 2016 ghall-habta ta' 12.30 kienet ipparkjat il-vettura fi Triq il-Knisja, Had Dingli u dan kif muri fir ritratt fok RD1. Hija damet hemm ipparkjata sas-saghtejn u kwart (2.15p.m.) u regghet marret lura ghall-vettura taghha. Meta waslet lura indunat li l-karozza taghha kient giet milquta. Hija marret l-ghassa u rraportat li kien hemm hit and run. Rat xi filmat u nnutat li kien hemm truck li kien qed jghamel manuvri li ma jghamlx is-soltu u kkomparaw dan id-daqqiet li kellha fuq il-vettura ma tat-truck li deher li kien hemm xi hsarat vibli li jaqblu. Bhala hsara hija esebiet id-dokument RD 2 fejn hemm indikat li l-hsara kienet tammonta ghal-sitt mitt euro (€600) oltre il-VAT. Ikkonfermat li meta l-appellanti tellgha it-truck tieghu l-ghassa xi tlett ijiem wara hija kient presenti l-ghassa.

Il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda provi ohra. L-imptuat ghazel li jixhed u offra id

deposizjoni tieghu b'mod volontarju nhar l-10 ta' Ottubru 2017 (fol. 27). Jghid li kien jum is-Sibt u kien irceiva telefonata mill-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u talbuh jghaddi l-ghassa. Jghid li mar dakinhar stress u hemmhekk qalulu li kien laqat lil xi hadd. Huwa pero' cahad li kien minnu u cempel lill-imghallem tieghu. Huma marru fil-bitha fejn kien ipparkjat it-truck flimkien mal-pulizija. Gew bit-torch u ma sabu l-ebda evideza mal-gnub tat-truck li kien laqat lil xi hadd. Imbaghad telqu 'l hemm. L-ghada regghu cemplulu biex jerga jmur ghaliex qalulu li kien laqat il-vettua bl-istaffa ta' wara. Huwa kien xoghol u ma setghax imur dakinhar izda mar wara jumejn. Tellgha l-karozza fil-post fejn kien hemm il-vettura milquta u kejlu l-post fejn giet milquta il-vettura mal-gholi tal-istaffa. Qalulu li kien gibed il-vettura bir-rota. Beda' jghidulu li laqat il-vettua bl-iskorfina jew ir-rim. Jghid li pprovaw jiggustifikaw il-hsara li kien hemm.

Qal li t-truck tieghu mimli daqqiet li jaqla' mill-Maghtab meta imur ibattal.

Mistoqsi jipjega ghaliex ghamel il-manuvri li ghamel kif murija fil-filmat ighid li dawn jghamilhom ta' sikwit ghax ikollu n-nies warajh jigbru r-rubbish u meta jigbru minn go l-iskorti minn go sqaqien jghamlu gozz go naha wahda imbaghad jmur b'lura bir -reverse biex ma joqghodx jigri bil-boroz.

Mistoqsi fiex hin ghadda bit-truck taz-zibel dakinhar jghid li ma jiftkarx izda zgur li kien xi hin wara nofsinhar.

Mistoqsi ghaliex ha brake qawwi ighid li ghat-truck dak kien normali ghax fih hafna piz. Mistoqsi jekk hux minnu li fit-triq hemm wisgha bizzejjed biex idurha kollha jghid li mhux minnu ghax it-triq hija dejqa u ghalhekk trid tmur bir-reverse. Jghid li ghamel il-manuvra biex jikwartja ahjar u fl-istess hin jigbor iz-zibel. Mistqosi jekk kienx laqat it-truck f'dawk l- ahhar jumejn iwiegeb fin-negattiv.

Minn esami tal-fatti kif suesposti jirriuzulta s-segwenti:

1. Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2016 Ritienne D'Anastasi kient ipparkjat il-vettura taghha tal-ghamla Toyota Yaris numru ta' regisitrazzjoni RIT 092 fi Triq il-Knisja,

Had Dingli ghal habta tan-12.30p.m.

2. Jidher li hija rritornat lura ghall-vettura taghha ghall-habta tas-2.15 u nnotat li xi hadd kien dahal go fiha u kkagunalha diversi hsarat kif deskritti fid-dokument RD1 esbit fl-atti.

3. Illi fl-istess hinijiet ghaddej minn dik it-triq kien hemm l-appellant bit-truck tieghu numru ta' registrazzjoni JBV 993.

4. Illi skond il-filmat esebit jidher li dan it-trukk ghadda minn hdejn il-vettura Toyota u ghamel divesi manuvri ta' reverse biex jipprova johrog mit-triq.

5. Skond l-appellant dawn kienu manuvri li jghamel is-soltu meta ikun qed jigbru iz-zibel.

6. Illi skond ir-ritratti esebiti jidher li kien hemm daqqiet kemm fuq l-vettura Toyota kif ukol fuq it-truck, tant li whud minnhom kienu ghadhom friski u dawn kienu kompatibbli ma xulxin kif stqarr Christian Farrugia.

7. Affrontat b'allegazzjoni bhal din, id-difiza fl- ebda hin ma talbet ghal xi nomina ta' espert la fir-rigward tal-istima u lanqas sabiex jigu identifikati l-hsarat kif murija fir-ritratti.

8. Illi bhala fatt ma kien hemm l-ebda xhud okulari li ra l-incident isehh.

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq provi cirkostanzjali.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament

dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1] "; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2] " ;"**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] "; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** [4]" u ohrajn).

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]**"** (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]"

---

[1] Deciza nhar it-12 ta Mejju 1994.

[2] Dceiza nhar l-14 ta Frar 1989.

[3] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991.

[4] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991.

[5] ([1969] 1 QB 276

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gat</u>**t[7]", inghad illi:-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi pero minkejja li l-Qorti tl-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti xorta din il-Qorti trid tkun konvinta mill-htija tal-appellant.

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**<u>Pulizija vs Bugeja</u>**[8] ". Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li

---

[7] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

[8] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 1987

seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer** [9]" qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions**" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice ".*

Illi peress li ma hemmx xhud okulari tal incident din il-Qorti trid titrieh fuq il-rovi indizzjarji.

Huwa bil-wisq evidenti illi l-provi mressqa ghal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti kienu fil-maggior parti taghhom indizzjarji u ezami ta' kull cirkostanza ddirigewha versu l-

---

[9] Deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997

konkluzzjoni li kien l-appellant li habat mal-kwerelanti filwaqt li kien qed isuq it-truck taz-zibel tieghu. Kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "*circumstantial evidence is often the best evidence*" (**R vs Taylor** 21 CRM App R21 citat fil-kawza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijeit **Pulizija vs Carmelo Busuttil**[10] u mhaddan fis-sentenza **Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan** [11]. "*Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova*" (**Pulizija vs Mark Dimech**[12]). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Cyrus Engerer**[13] fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod

---

[10] Deciza nhar is-6 ta' Mejju, 1961.

[11] Deciza nhar it-30 ta' Ottubru, 2001.

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April 2009.

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

eccezzjonali bis-segwenti bran:

*'Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

Allura din il-Qorti tistqsi x'inhuma il-provi indizzjajri f'dan il-kaz?

1. L-kwerelanti tghid li halliet il-vettura taghha f'12.30 fi Triq il-Knsija, Had Dingli.
2. Illi prorpju f'dan il-hin ghadda l-appellant bit-truck tieghu biex allegatament jigbor iz-zibel.
3. Illi min ezami tas- CCTV jidher l-appellant jimmanuvra b' diffikolta f'din l-istess triq f'dak il-hin meta kien prorpju ma genb il-vettura taghha.
4. Illi minn esami ta' dan il-fimat ma tidher l-ebda karozza ohra fil-vicinanza tal-kwerelanti.
5. Illi fuq it-truck li gie ezaminat xi jiem wara hemm certu grif u hsarat li huma kompatibbli mal-hsarat li soffriet il-vettura Toyota.
6. Illi l-appellant jghid li l-manuvra li ghamel kienet wahda normali pero' prova dwar dan ma gabx.

Id-difiza issostni li l prosekujzoni ma resqitx l-ahjar prova ghaliex ma resqet lil-ebda xhud espert sabiex jikwantifika l-hsarat jew jghati deskrizzjoni taghhom.

Issa minn esami tas- sentenzi mghotjia mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *"**Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali**[14]" u "**Melchior Spiteri vs Avukat Generali**[15]") l-*principjі enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorrti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom. Mhiex obligate li ejjem appunta espert sabeix jikknema li in effetti kienhemm il-hsara ghaleix dan jsita jigi kkonfermat icto oculi.
Id- difiza qed toggezzjoni ghal dak li stqarr ix-xhud Chritian Farrugia dwar il-hsarat u l-comparisons li saru ghaleix fil-fehma tieghu ma hux eseprt fil-mateja minkejja li mekanik. Id-difiza sostniet li l-prosekuzzjoni messha talbet in-nomina ta' espert.

F'**Blackstone's Criminal Practice** naraw li, "*whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both*". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet **R. v. Bonython**[16], citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 200326, King C.J. qal:

"*Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....*

[14] Deciza nhar il-31 ta' Ottubru 2003

[15] Deciza nhar il-31 ta' Ottubru 2003

[16] (1984) 38 S.A.S.R. 45.

*If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications....*"

Huwa minnu li l-artikolu 650 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti tista' tappunta espert sabiex ighinha fl-ezami ta' oggett jekk hemm bzonn xi hila jew tahrig specjali fl-esami tal-istess. Dan pero' ma jfissirx li l-esami ta' ogget bilfors irid isir permezz ta' espert. Dan il-provediment huwa wiehed fakoltativ f'idejn min irid jiggudika.

Fil-fatt din il-Qorti diversament preseduta fis sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Micallef u Emanuel Micallef**[17] stqarret li l-pozizzjoni legali kif kristallizzata fil-gurisprudenza hija s-segwenti:-

"L-artikolu 650 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' haga tkun tinhtieg sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja w l-periti jigu maghzulin mill- Qorti [18]"(Art. 650(2).)

Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar**[19]", meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx "*tinhtieg hila jew sengha specjali*". Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. (ara ukoll "**Il-Pulizija vs. Lorita Pace**[20]". Jinghad li f'din il-kawzza hemm esebit document u cioe' stima tal-hsarat sofferti fil-vettura Toyota Vitz numru ta' regisrazzjoni RIT 092 liema dokument originali inhareg minn Ringo Garage. Illi di piu' hemm deskritt il-hara li huwa isrriskontra fil-vettura u li kellha bzonn titranga u ghahekk mehuda fl-assjem taghha max-xhieda ta'

---

[17] Deciza fid-29 ta' Marzu 2007.

[18] Artikolu 650(2) tal-Kodici Kriminali

[19] Deciza fit-23 ta Settembru 2005.

[20] Deciza fis-7 ta Dicembru 2006.

Christian Farrugia jidher li in effetti dak li stqarr Christian Frarugia ghalhekk hu korroborat b'dan id-dokument. Id-difiza fl-ebda hin ma talbet ghall-isfilz ta' dan id-dokument u ghalhekk stante li jifforma parti mill-process, il-Qorti ser taghti kasu.

Konsegwentement din id-dfiza qed tigi rigettata.

Ghalhekk din il-Qorti ma jdihirlix li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata u fil-fatt ghalhekk qieghda tichad l-appell tal-appellant u qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur